**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**
**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Royan Spiteri**

**Kumpilazzjoni Nru. 219/2024 AC**
**Illum, it-30 ta' Lulju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Royan Spiteri** ta' 20 sena, iben Louisa Zammit li twieled ġewwa l-Pieta', nhar il-5 ta' Settembru 2003, iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz Yucca Crt., Fl 8, Triq Carmelo de Lucca, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-Karta tal-Identita' 339703L, li kien akkużat talli nhar it-18 ta' Marzu 2024, u/jew fis-siegħat, u/jew fil-granet, u/jew fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa Ta' Sliema u f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Talli bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ommu Louisa Zammit biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, u dan bi ksur tal-Artikoli 251B(1), 222(1) u 202 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Għamilt lil ommok Louisa Zammit inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Louisa Zammit, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a) (b) (ċ) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża, kontra **Royan Spiteri** a benefiċċju t'ommu **Louisa Zammit** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija jiġu applikati l-provvedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Trattament li tkun teħtieġ li persuna taċċetta li jsirilha trattament bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet li din il-Qorti jista' jidhrilha adatti li tniżżel fl-Ordni u dan hekk kif stabbilit fl-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Joseph Mifsud nhar it-22 ta' Marzu 2024, u l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Colin Sheldon qara u kkonferma l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], wieġeb li mhux ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[3];

2. Dikjarazzjoni ta' Rifjut għall-Assistenza Legali tal-Imputat datata l-21 ta' Marzu 2024[4];

3. Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija datata l-21 ta' Marzu 2024 li permezz tagħha informa lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Kevan Azzopardi li l-arrest tal-imputat ser jeċċedi s-sitt (6) sigħat, flimkien ma' Mandat t'Arrest fil-konfront tal-istess imputat[5];

4. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/31/2024[6];

5. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/679/2024[7];

6. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/702/2024[8];

---

[1] Ara l-akkużi maħlufa a fol 5 *et seq* tal-proċess u l-verbal tas-seduta datata t-22 ta' Marzu 2024 a fol 51 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 7 tal-proċess
[3] Ara a fol 8 tal-proċess
[4] Ara Dok RS a fol 9 tal-proċess
[5] Ara Dok CS a fol 10 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok CS1 a fol 12 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok CS2 a fol 17 *et seq* tal-proċess
[8] Ara Dok CS3 a fol 21 *et seq* tal-proċess

7. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fl-20 ta' Marzu 2024[9];

8. Dikjarazzjoni tal-*Parte Civile* Louise Zammit għar-Rifjut ta' *Risk Assessment* mill-Aġenzija Appoġġ datata t-18 ta' Marzu 2024[10];

9. Ċertifikat Mediku għall-imputat datat it-18 ta' Marzu 2024 sabiex ikun irrilaxxjat lejn id-dar[11];

10. *Referral for Domestic Violence Unit* fir-rigward tal-*Parte Civile* Louisa Zammit[12];

11. Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Elaine Rizzo datat l-20 ta' Marzu 2024 għall-ħruġ ta' Mandat t'Arrest fil-konfront tal-imputat[13];

12. CD kontenenti l-Istqarrija tal-imputat irrilaxxata minnu fil-21 ta' Marzu 2024[14];

13. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[15];

14. Sett ritratti[16];

15. *Subscriber Details* u *Call Logs* ippreżentata minn *Epic Communications Ltd*[17];

16. *Information Request* ippreżentata minn *Melita Limited*[18];

17. Screenshots ta' korrispondenza bejn l-imputat u l-*Parte Civile*[19];

---

[9] Ara Dok CS4 a fol 26 tal-proċess
[10] Ara Dok CS5 a fol 27 tal-proċess
[11] Ara Dok CS6 a fol 28 tal-proċess
[12] Ara Dok CS7 a fol 29 *et seq* tal-proċess
[13] Ara Dok CS8 a fol 47 *et seq* tal-proċess
[14] Ara Dok CS9 a fol 49 tal-proċess
[15] Ara Dok CS10 a fol 50 tal-proċess
[16] Ara Dok CSA1 a fol 75 *et seq* tal-proċess u Dok CSA2 a fol 78 *et seq* tal-proċess
[17] Ara Dok MCT1 a fol 122 tal-proċess
[18] Ara Dok CJB1 a fol 123 tal-proċess
[19] Ara Dok CSAA1 a fol 152 tal-proċess u Dok CSAA2 a fol 153 *et seq* tal-proċess

18. Traskrizzjoni tal-Istqarrija tal-imputat[20];

19. *Case Summary* tal-imputat mill-Isptar Mount Carmel[21].

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2024[22], din il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest[23];

Rat li fl-istess seduta[24] din il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni[25] *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat a favur **tal-*Parte Civile* Louisa Zammit**;

Semgħet ix-xhieda, li bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw:

**Il-*Parte Civile* Louisa Zammit** wara li ngħatat l-għażla li ma tixhidx fil-konfront tal-imputat peress li jiġi binha, tagħżel li tixhed fis-seduta tal-10 ta' April 2024[26], u tispjega li din il-kwistjoni u l-attitudni ta' binha fil-konfront tagħha kienet ilha għaddejja għal madwar ħames (5) snin, minn ġlieda għall-oħra u dejjem taggrava aktar ma jgħaddi ż-żmien, tant li spiċċat tkeċċiet mill-appartament tagħha minħabba d-dagħa u l-istorbju li kien jagħmlilha l-imputat, u tgħid li anke waddbilha oġġetti bħal siġġu. Dwar l-aħħar inċident, li seħħ madwar tliet (3) ġimgħat qabel, ix-xhud tispjega li dejjem kien ikollu problema ta' flus, u hi ibblockjatu għal jumejn. Ix-xhud tgħid li uriet il-*mobile* tagħha lill-Pulizija, u tispjega li waqt li kienet qiegħda d-*Depot* tagħmel ir-rapport kien bagħtilha madwar tliet mitt (300) messaġġ u xi *missed calls*, iżda ma tafx x'kitbilha peress li qrathomx. F'dan l-istadju l-Prosekuzzjoni tippreżenta żewġ settijiet ta' messaġġi mmarkati bħala Dok CSA1 u Dok CSA2, li kienu murija lix-xhud *seduta stante*, u tikkonferma l-kontenut tal-istess. Ix-xhud tispjega li dawn kienu messaġġi mibgħuta minn

[20] Ara Dok AM1 a fol 159 *et seq* tal-proċess
[21] Ara Dok RS1 a fol 194 tal-proċess
[22] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 51 *et seq* tal-proċess
[23] Liema Digriet ta' Ħelsien mill-Arrest jinsab a fol 53 tal-proċess
[24] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 51 *et seq* tal-proċess
[25] Ara a fol 55 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 59 *et seq* tal-proċess

Royan għal għandha, li fuq domanda tal-Qorti, issemmi li kien jibgħatilha l-messaġġi minn fuq l-applikazzjoni *WhatsApp*. Tgħid li kien jibgħatilha l-messaġġi biex ittih il-flus u tispjega li jumejn qabel kellhom kwistjoni taħraq u tant kemm kien għajjiejha jkellimha mis-07:00hrs bit-tensjoni kbira li kien iqabbdilha, li bblockjatlu n-numru, iżda beda jibgħatilha fuq il-*WhatsApp* l-ieħor. Tispjega li l-imputat kien arroganti fil-konfront tagħha tant li kien "***jibgħatni nieħdu***"[27] u "***ġieli jkun irrabjat ħafna, anka nibża' minnu ġejt***"[28]. Ix-xhud tispjega li kien juża l-ikel bħala skuża biex jitlobha l-flus, u tgħid li ġieli ma kienx ikollha x'ittih u ġieli kien jitlobha ż-żejjed, tant li tgħid li kien ikun irid "***kollox minn fuqi***"[29], u li biex ma jkollhiex argumenti miegħu, spiċċat fis-sitwazzjoni li tixtrilu l-ħaxixa hi stess. Ix-xhud tkompli tispjega li fis-27 ta' Novembru telqet 'il barra u "***fil-1***"[30] għamlet rapport, u ċioe' madwar erba' (4) xhur qabel fiż-żmien ta' Diċembru. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tgħid li apparti r-rapport "***tal-messaġġi***"[31], ftit tal-jiem qabel ix-xhieda tagħha reġa' beda jċemplilha wara li ġiet lura mix-xogħol, u tispjega li dan seħħ bla waqfien bejn il-17:00hrs u d-21:00hrs. Tgħid li tant kemm għajjiejha u ħaraqha li ċemplet id-*Depot* u tistqarr li ma kienitx taf lil min kellmet, iżda wara li l-Pulizija qalulha biex tmur tagħmel rapport, qaltlu "***ma niflaħx, għax ili ġurnata xogħol u mhux ħa nagħmel sagħtejn hemm wara x-xogħol***"[32] u tgħid li m'għamlitux ir-rapport. Tispjega li l-għada ħadet parir u għamlet kuntatt ma' *Social Worker* u qaltilha b'dak li kien għamlilha, u s-*Social Worker* infurmatha li ċertu affarijiet mhux suppost qalhomlha peress li kellu garanzija. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tispjega li ċemplet fid-21:00hrs, u tgħid ukoll li kienet marret l-Għassa ta' Tas-Sliema darbtejn u qalulha tagħmel ir-rapport. Tgħid li ma riedx joħroġ mill-karozza tant li "***ħarġet għassa sħiħa***"[33], u l-Pulizija bagħtuha d-*DV Unit*. Ix-xhud tkompli tispjega li darba kien ċemplilha biex jgħidilha li kien sejjer għand it-tabib, u bħala omm, ħasset li kien id-dover tagħha u qaltlu li kienet lesta tiġi miegħu għand it-tabib, u tgħid li marret hemmhekk biex forsi tkellem lis-*Social Worker* tiegħu ċertu Matthew, iżda kienet infurmata li ma setgħetx tkellmu. Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud tgħid li taf li kien ikellem lil dan is-*Social Worker* Matthew ta' Santa Venera, li skont ix-xhud

---

[27] Ara a fol 62 tal-proċess
[28] Ara a fol 62 tal-proċess
[29] Ara a fol 62 tal-proċess
[30] Ara a fol 63 tal-proċess
[31] Ara a fol 63 tal-proċess
[32] Ara a fol 63 tal-proċess
[33] Ara a fol 64 tal-proċess

jiġi tas-Sedqa, u li kien kellem lil xi ħadd mill-CARITAS, pero' mill-bqija, x-xhud tistqarr li ma tafx aktar minn hekk. Ix-xhud issemmi li kellha ġlieda fil-bidu tas-sena u wara għamlet rapport[34]. **Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni ix-xhud tindika lill-Ispettur Christian Cauchi fl-awla, u tindika wkoll lill-imputat preżenti fl-awla**;

In kontro-eżami, ix-xhud tispjega li l-attitudni tal-imputat fil-konfront tagħha, kienet waħda t'"***aggressivita', il-mod kif ikellimni, abbuż u tgħajjir***"[35], li tant kemm ma kienitx tajba li għandhom tifla ta' tliet (3) snin ma tiġix id-dar minħabba f'hekk. Tispjega wkoll li meta kien ikun qed jaħdem u tistaqsih kif kien, kien jgħidilha biex ma tibdiex u tħallih kwiet, u ssemmi li "***komunikazzjoni bejnietna, qas hemm, qas id-dar, anka ngħidlu xi ħaġa jew nikkoreġih f'xi ħaġa inti ħa taqbad miegħi... sal-ewwel stess ċemplitlu qalli għax ħa ġġenninni għax mort f'Qorti oħra... dejjem hekk, jibda l-argument***"[36]. Ix-xhud tispjega li jmur fuqha meta jkollu bżonn il-flus għat-tipjip, u tgħid li jekk ma tbaxxix rasha, "***jindidel mil-lejl għan-nhar***"[37]. Tgħid ukoll li bejniethom xejn ma jaqblu u ma tantx jitkellmu għax dejjem bil-ġlied. Ix-xhud tkompli biex issemmi li d-dar l-imputat iħalli l-mejda tal-ikel mimlija tabakk u imbarazz, tant li ma tkunx tista' tiekol fuqha, li ħadilha l-kamra tas-sodda tagħha u ried itiha l-kamra tiegħu għax bil-gallarija, u li b'hekk jibdew l-argumenti. Tgħid li meta jibdew l-argumenti, jaqbad u jkisser, tant li spiċċat iddistakkata minnu, minkejja li ssegwih peress li binha. Issostni li tagħtu ċansijiet biżżejjed, pero' weġġagħha ż-żejjed, u ssemmi l-fatt li ma tistax tgawdi lit-tifla ta' bintha peress li ma tistax tilqagħha f'darha. Issostni wkoll li dak li tgħid lill-imputat huwa għall-ġid tiegħu, u ssemmi li meta kellu sbatax (17)-il sena kien wiegħdha li kien ser jidħol fi programm wara l-*birthday* tiegħu, u tgħid li kien ilha daqshekk tissaportih. Ix-xhud tkompli tispjega li meta kellu sittax (16), anke ħmistax (15)-il sena, "***l-ewwel beda mal-playstation, kif ikisser il-logħob tal-playstation, infexx miegħi***"[38], u tgħid li anke kienet tattendi sessjonijiet ta' *family therapy*, f'liema sessjonijiet ix-xhud tgħid li s-*Social Worker* kienet ikkonfrontat lill-imputat peress li meta kienu tkellmu hi u l-imputat waħedhom kien qalilha mod, u fil-presenza tax-xhud, kien qed jgħid mod ieħor. Dwar problemi ta' saħħa x-xhud tistqarr li

[34] Ara fol 65 tal-proċess
[35] Ara a fol 66 tal-proċess
[36] Ara a fol 66 tal-proċess
[37] Ara a fol 67 tal-proċess
[38] Ara a fol 68 tal-proċess

ma kienitx taf wisq, iżda tgħid li l-imputat kien fittex tabib kemm-il darba, pero' ma kienitx taf aktar minn hekk. Tgħid li kien ingħata xi mediċini u kienet tmur tiġborhomlu minn Mount Carmel u tgħidlu li kellu l-appuntamenti, iżda l-imputat kien jirrifjutahom. Ix-xhud tispjega li kellhom problemi fil-passat, iżda l-imputat qatt ma fetaħ qalbu magħha anzi qatt ma kien jitkellem magħha u jgħidilha biex tħallih u li l-affarijiet tiegħu jarahom hu, u għalhekk ix-xhud tistqarr li ma taf b'xejn – taf li kien ipejjep is-*synthetic*, u darba kien qalilha biex tieħdu l-klinika għax kienet qed tuġgħu ħafna rasu, u wara li ħaditu, qalulha biex tieħdu l-Isptar u marru għand Psikjatra. Tgħid li l-imputat kien ikun mitkellem waħdu, u li mbagħad kienet infurmata li kien ser jittieħed l-Isptar Mount Carmel għal ftit żmien, u tikkonferma li kien għall-mistrieħ għax kien ipejjep is-*synthetic* "***u xi kultant moħħu kien...***"[39], li tispjega li ma kienx jaħdem sew. Rigward flus, ix-xhud issostni li dejjem kienet ittih meta setgħet, "***anzi tajtu żżejjed***"[40], tant li tispjega li spiċċat fid-dejn u kienet qiegħda lura bil-kera minħabba fis-sitwazzjoni ta' binha. Tgħid ukoll li f'sena tliet (3) darbiet biss ħadem fuq l-attitudni tiegħu, u żżid li hi ġiet il-Qorti biex tgħin lill-imputat u biex tipproteġi lilha nnifisha għax ma setgħetx tibqa' għaddejja b'din il-ħajja. Ix-xhud tkompli tispjega li kollox qaltilhom, inkluż is-sitwazzjoni li spiċċat fiha li xtratlu s-*synthetic* hi stess biex tevita l-argumenti miegħu u tistrieħ mentalment, u tikkonferma li l-imputat kien jieħu xi sustanza u kien jitlobha l-flus biex jixtriha, u meta ma kienitx ittih kien isir aggressiv. Ix-xhud għal darb' oħra ssostni li tagħtu diversi ċansijiet, speċjalment meta qalilha li kien dieħel fi programm, biex imbagħad spiċċa ma marx, u issa tliet (3) snin wara kien qalilha l-istess ħaġa, iżda tistqarr li ma kienitx ċerta li ser jagħmlu kollu, u tgħid li lill-imputat qaltlu li hi riedet "***tkun safe***"[41], biex tilqgħu f'darha;

**Marie Claire Tabone għan-nom ta'** ***Epic Communications Limited*** tixhed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024[42] li kienu mitluba r-*registration details* tan-numri tal-*mobile* 99957704 u 79833206, u telefonati fl-4 ta' Jannar 2024 bejn it-tlieta u l-ħamsa, is-17 ta' Marzu 2024 bejn il-ħdax u s-siegħa neqsin kwart u minuta, u s-17 ta' Marzu 2024 bejn it-15:00hrs u s-17:45hrs, pero' tistqarr li dan l-istħarriġ irriżulta fin-negattiv fir-rigward ta' telefonati.

[39] Ara a fol 70 tal-proċess
[40] Ara a fol 71 tal-proċess
[41] Ara a fol 73 tal-proċess
[42] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 119 *et seq* tal-proċess

Tispjega li n-numru tal-*mobile* 99957704 huwa reġistrat fuq Royan Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita' 0339703L u n-numru tal-*mobile* 79833206 huwa reġistrat fuq Louise Zammit, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 286368M. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tispjega li fid-dati msemmija ma kienx hemm telefonati u messaġġi tal-*SMS*, u għalkemm ma teskludix li seta' kien hemm messaġġi *tramite WhatsApp*, tispjega wkoll li dawn ma jinqabdux għaliex ikunu *data sessioned*;

**Ir-*Risk Assessor* Rachel Farrugia għan-nom tal-Aġenzija Appoġġ** tixhed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024[43] li hija *Risk Assessor* mal-Aġenzija Appoġġ stazzjonata Santa Luċija, u murija Dok CS7 a fol 29 sa 46 tal-proċess, ix-xhud tagħrfu bħala r-*Risk Assessment* li sar fuq il-*Parte Civile* Louise Zammit fis-16 ta' Marzu 2024, li rriżulta b'punteġġ ta' erbatax (14), u ċioe' *High Risk*, u tagħraf ukoll il-firma tagħha u tal-kollega tagħha Maxine Bonavia;

**Ir-*Risk Assessor* Maxine Bonavia għan-nom tal-Aġenzija Appoġġ** tixhed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024[44], u murija Dok CS7 a fol 27 sa 46 tal-proċess, ix-xhud tagħraf id-dokument bħala r-*Risk Assessment* li sar rigward il-*Parte Civile* Louise Zammit, liema *Risk Assessment* irriżulta bil-punteġġ ta' erbatax (14), u ċioe' *High Risk*, u tikkonferma li hemm il-firma tagħha u tal-kollega tagħha Rachel Farrugia fl-aħħar paġna;

**PC 2048 Daniel Scerri** jixhed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024[45], u muri Dok CS2 a fol 17 sa 20 tal-proċess, ix-xhud jagħraf id-dokument bħala r-rapport li fformola hu nhar is-16 ta' Marzu 2024 għall-ħabta tal-ħamsa neqsin sitt minuti (17:45hrs), u jispjega li kienet ġiet ċertu Louise Zammit ġewwa d-*DV Unit* biex tagħmel rapport fil-konfront ta' binha Royan Spiteri, liema rapport kien is-sitt (6) wieħed li għamlet fil-konfront tiegħu. Ix-xhud jispjega li Zammit stqarret li fis-16 ta' Marzu filgħodu bdiet tirċievi telefonati mingħand Royan għaliex ried il-ħaxixa u wara li qaltlu li kienet ser iċċempillu iktar tard, u ftehmu biex imorru Tas-Sliema f'Windsor Street għall-ħabta tat-15:00hrs, fejn hi xtratlu l-ħaxixa, iżda tgħid li għalih ma kienx biżżejjed u beda jinsulentaha b'diversi kliem, għajjarha miġnuna, qalilha li ser ipattihielha u ma kienx ser iħalliha kwieta. Ix-xhud ikompli jispjega li Zammit stqarret

[43] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 124 *et seq* tal-proċess
[44] Ara x-xhieda tagħha a fol 126 *et seq* tal-proċess
[45] Ara x-xhieda tiegħu a fol 128 *et seq* tal-proċess

ukoll li hi marret fil-karozza tagħha, u Royan ġie u qabad jagħti fuq il-*windscreen* tal-vettura, pero' wara li l-Pulizija staqsewha jekk kienx hemm ħsarat, Zammit tgħid li ma kienx hemm, u Royan niżel minn fuq il-vettura. Ix-xhud jgħid li Zammit stqarret li wara dan ippruvat titlaq mill-parkeġġ li kienet fih, iżda ma setgħetx peress li Royan mar fuq in-naħa l-oħra tal-vettura, u ċioe' fuq in-naħa tal-passiġġier, u li kieku ppruvat toħroġ kienet tolqtu. Zammit kompliet tistqarr max-xhud li ħarġet mill-karozza u ppruvat titlaq bil-pass, imma ma rnexxiliex għaliex Royan baqa' jiġri warajha, u għalhekk marret lura fil-karozza tagħha u sakkret il-bibien ta' quddiem pero' daħlilha minn wara, u hi qaltlu li kienet se tmur tirrappurtah. Royan wieġeb bi kliem vulgari, u hemmhekk saqet lejn l-Għassa ta' Tas-Sliema u hu insulentaha bi kliem bħal "***mhux ħa tbeżżgħani, kliem bl-L, u mhux ħa nħallik bi kwietek u ħa npattihielek ja miġnuna***"[46], u Zammit allegat li Royan heddidha li ser idaħħlilha sikkina f'għonqha u wara li nfurmathom li kien sejjer il-Qawra, il-Pulizija infurmaw l-Għassa tal-Qawra biex imorru jfittxuh u jieħduh fi klinika minħabba s-saħħa mentali tiegħu. Ix-xhud ikompli jispjega li Zammit stqarret ukoll li kompliet issuq u Royan qabadha minn xagħarha, beda jimbutthalha s-*seat* u jiġbdilha l-*handbrake*, u meta waslet quddiem l-Għassa ta' Tas-Sliema bdiet tgħajjat għall-għajnuna tal-Pulizija u ġew jassistuha l-Pulizija tal-Għassa. Ix-xhud jispjega li huma rreferewha sabiex tagħmel *Risk Assessment* li sar aktar 'il quddiem, liema *Assessment* irriżulta b'punteġġ ta' erbatax (14) b'*High Risk*, u x-xhud jikkonferma li ma kellux involviment ulterjuri f'dan il-każ. In kontro-eżami ix-xhud jikkonferma li dak li hemm imniżżel fir-rapport huwa dak li stqarret miegħu Louise Zammit, u jikkonferma wkoll li lill-imputat qatt ma kellmu, u jispjega li wara li ħa l-verżjoni tagħha, informa lil Zammit bil-proċeduri kollha. Fuq domanda tad-Difiża ix-xhud jistqarr li min-naħa tiegħu m'għamilx verifiki dwar il-verżjoni ta' Louise Zammit, u ħa l-informazzjoni tiegħu minn fuq dak li qalulu u dak li rriżulta minn fuq is-sistema;

**Christian Joseph Bartolo għan-nom ta' Melita plc** jixhed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2024[47] li kienu mitluba sabiex jagħtu dettalji dwar in-numru tal-*mobile* 77395953 lejn in-numru 79833206 fuq telefonati u messaġġi tal-*SMS* li saru fit-18 ta' Marzu 2024 bejn is-13:12hrs u l-16:45hrs, u jispjega li n-numru 77395953 jappartjeni lil Royan Spiteri li

[46] Ara a fol 129 tal-proċess
[47] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 132 *et seq* tal-proċess

jirrisjedi fl-indirizz Yukka Court, Flat 8, Triq Carmelo Bilocca, San Pawl il-Baħar u detentur tal-Karta tal-Identita' 339703L, iżda ma kellu ebda informazzjoni dwar in-numru tal-*mobile* 79833206 li jispjega li m'huwiex reġistrat ma' Melita, u jżid li mis-sistema tagħhom jirriżulta li ma kien hemm ebda telefonata jew messaġġ tal-*SMS* fil-ħinijiet imsemmija;

**PC 2426 Josianne Vassallo** tixhed fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2024[48], u murija Dok CS3 a fol 21 sa 25 tal-proċess, ix-xhud tagħraf id-dokument bħala r-rapport li ħadet hi għal Louisa Zammit li rrapportat lil binha Royan Spiteri. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud tikkonferma li lil Royan qatt ma kellmitu, u tikkonferma wkoll li kien hemm diversi rapporti minn Zammit fil-konfront ta' binha Royan. In kontroeżami, ix-xhud tikkonferma li l-involviment tagħha kien it-teħid tar-rapport ta' Louisa Zammit u li aktar minn hekk ma kellhiex involviment ulterjuri fl-investigazzjoni ta' dan il-każ, u tikkonferma wkoll li hi kitbet dak li qaltilha l-istess Louisa Zammit;

**PC 2083 Yezaia Caruana** tixhed fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2024[49], u murija Dok CS1 a fol 12 sa 16 tal-proċess, tikkonferma li d-dokument huwa r-rapport li ħadet hi f'Jannar 2024 minn Louisa Zammit fil-konfront ta' binha Royan Spiteri. In kontroeżami x-xhud tistqarr li ma kellmitux lil Royan Spiteri u tikkonferma li ma kellhiex involviment ulterjuri salv it-teħid tar-rapport tal-istess Louisa Zammit, u meta tkellmet m'oħt Royan Spiteri li jisimha Toyah Spiteri. Fuq domanda tad-Difiża x-xhud tikkonferma li hi kellmet lil Louisa Zammit u lil Toyah Spiteri, u ħadet il-verżjoni tagħhom biss;

**PS 2224 Suzanne Mifsud** tixhed fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2024[50], u murija Dok CS2 a fol 17 sa 20 tal-proċess, ix-xhud tikkonferma li d-dokument huwa rapport bin-numru 674/2024 li kien sar fis-16 ta' Marzu 2024 għall-ħabta tal-ħamsa neqsin sitt minuti minn Louisa Zammit fil-konfront ta' binha Royan Spiteri, u liema rapport ittieħed mill-kollega tagħha PC 2048 fl-istess jum. Ix-xhud tispjega li l-għada s-17 ta' Marzu 2023 għamlet kuntatt permezz tat-*telephone* ma' Royan Spiteri u qaltlu biex jirrikorri fit-taqsima tagħhom tal-Furjana sabiex jitkellmu fuq ir-rapport, iżda infurmaha li ma kellux biex jiġi, u

[48] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 136 *et seq* tal-proċess
[49] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 139 *et seq* tal-proċess
[50] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 142 *et seq* tal-proċess

ma kellux flus biex jaqbad *taxi* jew karozza tal-linja, u talab lix-xhud biex imorru għalih, u wara dan, Spiteri intalab jiġi nhar it-Tlieta d-19 ta' Marzu filgħodu meta kienet se tkun xogħol ix-xhud, u Royan weġibha li jekk ma jirnexxilux jirranġa għal trasport kien ser jinfurmaha, iżda la għamel kuntatt u lanqas ġie. In kontro-eżami, ix-xhud tikkonferma li r-rapport kien sar mill-kollega tagħha PC 2048 u hi għamlet *follow-up* fuq l-istess rapport, u tispjega li s-surġent dejjem ikun involut. Ix-xhud iżżid li kienet preżenti waqt it-teħid tar-rapport mill-kollega tagħha u semgħet dak li ntqal waqt li kien qiegħed jittieħed. Ix-xhud tikkonferma li hi għamlet *follow-up* fuq dak li qaltilhom Louisa Zammit u ċemplet lil Royan Spiteri biex jiġi iżda qatt ma kellmitu;

**PC 402 Andre Mifsud** jixhed fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2024[51], u muri Dok CS1 a fol 12 sa 16 tal-proċess, ix-xhud għaraf id-dokument bħala r-rapport li sar ġewwa d-*DV Unit* fl-4 ta' Frar, u ġie Royan, u tah id-drittijiet tiegħu u ħadlu l-Istqarrija. **F'dan l-istadju x-xhud jindika lill-imputat fl-awla**. In kontro-eżami, x-xhud jispjega li ma kienx waħdu meta kellem lill-imputat, u jikkonferma li r-rapport sar fl-4 ta' Jannar u hu kellem lill-imputat fl-4 ta' Frar, u dan wara li x-xhud ċempel lill-imputat fuq in-numru ċellulari tiegħu fit-30 ta' Jannar. Mistoqsi jekk sarx appuntament fl-4 ta' Frar, ix-xhud jispjega li kienu saru diversi telefonati iżda rriżultaw fin-negattiv, u imbagħad inħarġet *Letter to Call* biex jirrikorri fis-Sezzjoni. Fuq domanda tad-Difiża, x-xhud jikkonferma wara din il-*Letter to Call* l-imputat ġie fis-Sezzjoni u kkopera;

**L-espert Dr. Alexandra Mamo** tixhed fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2024[52], u tispjega li kienet inkarigata minn din il-Qorti fil-5 ta' Ġunju 2024 sabiex tagħmel traskrizzjoni tal-Istqarrija awdjoviżiva ta' Royan Spiteri li tinsab esebita fl-atti bħala Dok SC9[53] a fol 49 tal-proċess, liema Stqarrija kienet rilaxxata fil-21 ta' Marzu 2024, u espletat l-inkarigu mogħti, u tesebixxi l-istess traskrizzjoni u tirritorna Dok CS9, liema traskrizzjoni kienet immarkata bħala Dok AM1;

[51] Ara x-xhieda tiegħu fl-istess seduta a fol 146 *et seq* tal-proċess
[52] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 158A *et seq* tal-proċess
[53] Minn eżami tal-atti, jirriżulta li x-xhud riedet tfisser Dok CS9

**L-imputat Royan Spiteri** jagħżel li jixhed fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2025[54] li jikkonferma li kien tressaq fuq allegat inċident fil-konfront t'ommu, u jispjega li fiż-żmien tal-inċident kien jirrisjedi fl-indirizz Flat 8, Triq Carmelo De Lucca, Yucca Court, il-Qawra. L-imputat ikompli jispjega li huwa jsofri mill-kundizzjoni tal-*ADHD* u jgħid li dakinhar ma kellux il-pilloli neċessarji biex ikun jista' "***jikkopja bihom***"[55], liema pilloli jiżvela li huma tal-kannabis u jistqarr li dak iż-żmien kien jitlob lil ommu għall-flus biex ikun jista' jixtri l-kannabis. Fuq domanda tad-Difiża l-imputat jgħid li f'dak iż-żmien ommu kienet tkun miegħu id-dar, u jgħid ukoll li kienet ittih il-flus u saħansitra "***pejpet hi stess miegħi***"[56]. Jistqarr ukoll li kellu problema għaliex meta ma kienx ikollu l-kannabis kien jiġi aggressiv, u meta mistoqsi x'kienet tagħmel ommu meta kien jitlobha l-flus, jgħid li ġieli kienet ittih il-flus minn jeddha u ġieli kienet tixtrilu hi. Mistoqsi mid-Difiża dwar x'ġara dakinhar tal-inċident, l-imputat jistqarr li ma jiftakarx, u meta kkonfrontat fuq dan mill-Qorti, jgħid li għal dawn l-aħħar tliet xhur kien "***dieħel u ħiereġ minn Mount Carmel***"[57] għaxar darbiet peress li kien qed juża d-Dama u beda juża s-*synthetic* ukoll, u jistqarr li "***ommi għandha raġun li ma setgħatx tmur lura d-dar***"[58]. Pero' jżid jgħid li fl-aħħar ġimgħa mar għall-ħwejjeġ u kollox, u jispjega li kellu programm fl-aħħar ta' Marzu u ħalla ċ-ċwievet id-dar biex ma jkunx jista' jmur lura d-dar. Fuq domanda tad-Difiża jekk meta kien għamel kuntatt m'ommu biex ittih il-flus, kienitx taf li kellu jmur id-dar, l-imputat jgħid li "***anke llum għadha ġġibli l-flus Mount Carmel***"[59], u jistqarr li dakinhar li kien mar jiġbor l-affarijiet tiegħu, kien mar għall-għarrieda. Mistoqsi dwar l-inċident innifsu, l-imputat jistqarr li ma kienx jiftakar eżatt meta kien seħħ, l-imputat iwieġeb li dan ġara fis-sena 2025, iżda mbagħad jikkoreġi lilu nnifsu li l-inċident seħħ lejn l-aħħar tas-sena ta' qabel. F'dan l-istadju l-imputat jippreżenta preskrizzjoni medika, li fiha l-imputat jispjega li hemm preskrizzjoni ta' Ritrovil li preżentement kien qiegħed jieħu 9 milligrammi u naqqashom għal 7.5 milligramma, u jgħid li "***dawn huma benzos li jġiegħluk tnaqqas ftit mill-memorja wkoll***"[60];

---

[54] Ara x-xhieda tiegħu a fol 184 *et seq* tal-proċess
[55] Ara a fol 185 tal-proċess
[56] Ara a fol 186 tal-proċess
[57] Ara a fol 187 tal-proċess
[58] Ara a fol 187 tal-proċess
[59] Ara a fol 187-188 tal-proċess
[60] Ara a fol 189 tal-proċess

In kontro-eżami, l-imputat jgħid li kien juża' n-numru tal-*mobile* 99432773. Meta ssuġġerit mill-Prosekuzzjoni li kellu aktar minn numru wieħed, l-imputat isemmi li kellu wkoll in-numru 99957704, iżda meta l-Prosekuzzjoni ssemmilu wkoll in-numru 77395953, l-imputat jgħid li dan in-numru ma jiftakrux. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni l-imputat jikkonferma li kien jibgħat ħafna messaġġi lil ommu, u jikkonferma wkoll li kien iċemplilha aktar minn darba permezz ta' *WhatsApp*, u saħanistra jikkonferma li kien jitlobha l-flus regolarment. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni l-imputat jikkonferma li ommu eventwalment kellha titlaq mid-dar, u meta mistoqsi jekk dan kienx għaliex kien qed ibeżżagħha l-imputat jistqarr li kellu "***problema kbira mentalment***"[61]. Meta ppressat fuq dan mill-Prosekuzzjoni, l-imputat jikkonferma li kienet telqet mid-dar għaliex kienet qed tibża' minnu, u jgħid li kienet marret tgħix f'xelter għall-vittmi ta' vjolenza domestika, għalkemm il-Prosekuzzjoni tikkjarifika li kienet marret tgħix fix-xelter riċentement. Meta l-Prosekuzzjoni tirrimarka li l-inċident seħħ fis-17 ta' Marzu u r-rapport sar fit-18 ta' Marzu tas-sena ta' qabel, l-imputat jistqarr li dan ma jiftakrux. Mistoqsi fejn kienet tgħix ommu dak iż-żmien, l-imputat jgħid li ma jiftakarx, iżda meta jgħid li jiftakar fejn kienet taħdem, meta kkonfrontat fuq dan mill-Prosekuzzjoni peress li kienet toqgħod viċin il-post tax-xogħol tagħha, l-imputat imbagħad jikkonferma li kienet toqgħod ix-xogħol. Mistoqsi jekk ġieli marx hemmhekk ukoll, l-imputat jikkonferma li kien għamel hekk. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, l-imputat jispjega li ilu jsofri mill-problema tad-droga għal aktar minn sitt snin, u jikkonferma li minkejja li mar diversi programmi, ma kienx spiċċahom;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2025;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Marzu 2025[62] li permezz tiegħu din il-Qorti kellha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, u dan *stante* li t-traskrizzjoni tal-Ispettur Colin Sheldon li ddepona fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2025 ma setgħetx tkun inserita fl-atti minħabba li din ix-xhieda ma kienitx reġistrata;

[61] Ara a fol 191 tal-proċess
[62] Ara a fol 198 tal-proċess

**L-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Colin Sheldon** jerġa' jixhed waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2025 *ai termini* tad-digriet tal-21 ta' Marzu 2025[63] li jibda biex jispjega li nhar it-18 ta' Marzu 2024 kien tal-Għassa u daħal rapport minn ċerta Louisa Zammit fil-konfront ta' binha Royan Spiteri, li fih irrappurtat li Royan kien ta' sikwit jibgħatilha ħafna messaġġi matul il-ġurnata u anke telefonati biex jitlobha flus peress li kellu xi problema ta' droga. Ix-xhud jgħid li Zammit stqarret ukoll li Royan kien juża n-numru tal-*mobile* 99957704, kif ukoll in-numru 77395953, li bihom kien iċemplilha u jibgħatilha l-messaġġi fuq in-numru tagħha, u ċioe' 79833206. Ix-xhud jispjega wkoll li kien sar *Danger Assessment* li rriżulta *High Risk*, u meta kien infurmat bir-rapport u s-sensiela ta' telefonati u messaġġi da parti ta' Royan, ix-xhud talab il-ħruġ ta' mandat t'arrest fil-konfront tiegħu. Ix-xhud jgħid li dan il-mandat inħareġ u investiga lil Royan fuq dan ir-rapport li jġib in-numru GHQ/GBDV/702/2024, u investigah ukoll fuq rapporti oħrajn, u ċioe' GHQ/GBDV/31/2024 u GHQ/GBDV/679/2024. Ix-xhud jispjega li dawn ir-rapporti kienu tal-istess ambitu, u ċioe' rigward messaġġi u telefonati, li fihom kien hemm ukoll xi theddid da parti ta' Royan, u għalhekk ix-xhud tratta dawn ir-rapporti kollha flimkien. Ix-xhud ikompli jsemmi li Royan kien investigat wara l-ħruġ ta' mandat t'arrest mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar l-20 ta' Marzu 2024, u Royan kien arrestat nhar il-21 ta' Marzu 2024 u tressaq quddiem il-Maġistrat Dr. Joe Mifsud u ddikjara li ma kienx ħati tal-akkużi kif dedotti fil-konfront tiegħu u ngħata l-ħelsien mill-arrest[64];

Rat li wara din ix-xhieda, waqt is-seduta tat-23 ta' Lulju 2025[65], il-partijiet għal kull buon fini ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqin u ddikjaraw li ser jistrieħu fuq it-trattazzjoni finali magħmula minnhom waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2025, u awtorizzaw lil din il-Qorti sabiex tipproċedi għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

---

[63] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 202 *et seq* tal-proċess
[64] Ara a fol 53 tal-proċess
[65] Ara a fol 204 tal-proċess

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-imputat kien mixli talli nhar it-18 ta' Marzu 2024, u/jew fis-siegħat, u/jew fil-ġranet, u/jew fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa Ta' Sliema u f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Talli bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ommu Louisa Zammit biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, u dan bi ksur tal-Artikoli 251B(1), 222(1) u 202 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Għamilt lil ommok Louisa Zammit inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limit tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Louisa Zammit, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a) (b) (ċ) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qabel ma tgħaddi sabiex titratta dwar il-mertu ta' kull imputazzjoni, din il-Qorti tosserva li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat huma tali li jinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "***Vjolenza Domestika***" kif imfissra l-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, li *ai fini* ta' kompletezza ser tkun riprodotta hawn taħt:

***"vjolenza domestika" tfisser l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma***

***jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima.***

Referenza ssir ukoll għad-definizzjoni ta' "***familja jew unita' domestika***" hekk kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-istess Kapitolu, senjatament is-subartikolu (ċ), li jipprovdi s-segwenti:

***2. (ċ) persuni li huma relatati ma' xulxin jew minħabba l-qrubija mid-demm jew bi żwieġ, unjoni ċivili u, jew koabitazzjoni, sat-tielet grad inklussivament;***

Minn eżami tal-atti u mill-provi prodotti, joħroġ biċ-ċar lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat u l-*Parte Civile* huma omm u iben, u għalhekk tpoġġi dawn l-inċidenti fil-parametri tat-tifsira ta' vjolenza domestika kkwotata aktar 'il fuq;

Din il-Qorti tqis ukoll li l-verżjoni mogħtija mill-*Parte Civile* f'dawn il-proċeduri hija waħda verosimili għal dak li seħħ fil-perjodu tat-18 ta' Marzu 2024 u ż-żmien ta' qabel, u dan *stante* l-fatt li x-xhieda tagħha baqgħet konsistenti, u kienet ikkonfermata mix-xhieda oħra mtella' mill-Prosekuzzjoni, inkluż il-membri tal-Korp tal-Pulizija involuti fl-investigazzjoni, u r-*Risk Assessors* fir-rapporti tagħhom fir-rigward tal-*Parte Civile*. Barra minn dan, ċertu aspetti tax-xhieda tal-*Parte Civile* kienu kkonfermati mill-imputat stess meta għażel li jiddeponi f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, *ai fini* tal-mertu ta' dawn il-proċeduri, din il-Qorti ser tkun qed tibbaża r-raġunament tagħha fuq ix-xhieda tal-*Parte Civile stante* li hija moralment konvinta li l-verżjoni tagħha għandha mis-sewwa.

<u>**L-Ewwel Imputazzjoni – Imġiba li permezz tagħha kkaġuna biża' ta' vjolenza fil-konfront t'ommu Louisa Zammit**</u>

Din il-Qorti tibda biex tosserva li din l-imputazzjoni tinkwadra ruħha fid-dettami tal-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi s-segwenti:

***251B. (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna***

***msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.***

Mid-diċitura tal-imputazzjoni kif dedotta, din il-Qorti tara wkoll li l-Prosekuzzjoni mhux biss qiegħda takkuża lill-imputat li kkaġuna biża' ta' vjolenza fuq il-*Parte Civile*, iżda li dan seħħ fuq medda ta' żmien u b'mod ripetut, li għalhekk jinkwadra ruħu fil-kunċett ta' *course of conduct*. Dwar dan il-kunċett, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Keith Xerri) v. Peter Paul Azzopardi**[66], li fiha l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ssostni li ġej:

***Jibda biex jingħad li element fundamentali għall-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-reat ipotizzat fl-artikolu 251B huwa li jrid jkun hemm "a course of conduct" da parti tal-akkużat. Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "imġieba" f'din id-disposizzjoni tal-liġi.***

***Fi kliem Archbold: "Two incidents can constitute a 'course of conduct 'but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct."***[67]

***Fl-edizzjoni tal-2012 tal-Blackstone's Criminal Practice jingħad li: "Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct."***

***Fuq l-istess tema fl-edizzjoni tal-2008 tal-Blackstone Criminal Practice ġie spjegat li:***

---

[66] Kumpilazzjoni Nru. 170/2024, deċiża nhar is-26 ta' Novembru 2024 mill-Maġistrat Dr. Jean Paul Grech, paġna 6-8

[67] (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC)

***"How separate the two occasions must be, remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"***

***B'rabta ma' din l-akkuża, ta' min jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Parnis[68], fejn il-Qorti ikkummentat li r-ratio legis tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B imur oltre semplicement theddida jew it-twettieq ta' fatt li jwassal lil xi ħadd biex iħossu mhedded. Il-Qorti għamlitha ċara li irid ikun hemm regolarita b'fatti diversi, fuq perijodu ta' żmien u r-reat mhux intiż għall-okkażżjoni waħda jew għal akkuża li tirrisali għall-inċident partikolari iżda għall-okkażżjonijiet li fihom iseħħ "course of conduct" li jwassal biex persuna tibża' kif imfisser fl-istess artikolu.***

Minn eżami tal-atti u l-provi prodotti, senjatament ix-xhieda tal-*Parte Civile*, din il-Qorti tingħata stampa tal-aġir tal-imputat matul il-perjodu mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċioe' istanzi li fihom ta' sikwit ikollu xi jgħid magħha fid-dar li fiha jirrisjedu t-tnejn, u fil-fatt issemmi li b'riżultat ta' dan il-ġlied, dagħa u storbju da parti tal-imputat, spiċċat biex tkeċċiet mill-appartament tagħha. Matul ix-xhieda tagħha, il-*Parte Civile* tiddeskrivi kif l-imputat dejjem kien ikollu problema ta' flus, u ta' spiss kien jitlobha biex ittih il-flus, tant li tgħid li kien ikun irid "***kollox minn fuqi***"[69], u tispjega li biex tevita l-argumenti miegħu, spiċċat fis-sitwazzjoni li tixtrilu l-ħaxixa hi.

[68] Deċiża fit-18 ta' Ġunju 2009 per l-Onor. Imħallef Dr Joe Galea Debono.
[69] Ara a fol 62 tal-proċess

*In oltre*, il-*Parte Civile* tagħmel referenza għal numru ta' inċidenti, fosthom għal dak li seħħ f'Marzu 2024 (li l-*Parte Civile* ssemmi kien tliet ġimgħat qabel ma tat ix-xhieda tagħha waqt is-seduta tal-10 t'April 2024), u ċioe' meta seħħ l-inċident quddiem l-Għassa ta' Tas-Sliema meta skont il-*Parte Civile* "***ħarġet għassa sħiħa***"[70] wara li l-imputat irrifjuta li joħroġ mill-karozza, inċident ieħor li seħħ fis-27 ta' Novembru meta telqet mid-dar u għamlet rapport nhar l-1 ta' Diċembru xi erba' xhur qabel ix-xhieda tagħha, kif ukoll inċident ieħor li seħħ inċident ieħor li seħħ fil-bidu tas-sena 2024 u għamlet rapport dwar dan ukoll. Għalhekk huwa ċar li kien hemm mill-inqas tliet episodji f'perjodu t'erba' xhur, u dan jindika ċertu livell ta' frekwenza fl-aġir tal-imputat, liema inċidenti huma riflessi fir-rapporti magħmula mill-*Parte Civile* f'dan il-perjodu, u ċioe' GHQ/GBDV/31/2024 (b'referenza għal inċident bejn it-28 ta' Novembru 2023 u l-4 ta' Jannar 2024), GHQ/GBDV/679/2024 (b'referenza għal inċident nhar is-16 ta' Marzu 2024) u GHQ/GBDV/702/2024 (b'referenza għal inċident bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2024). Pero', għalkemm ma jnaqqas xejn mill-validita' u l-kreddibilta' tax-xhieda tal-*Parte Civile*, din il-Qorti tinnota li d-deskrizzjoni ta' dawn l-inċidenti mill-*Parte Civile* kienet anqas dettaljata minn dak li jixhdu l-uffiċjali tal-Pulizija li ħejjew u kellhom involviment attiv fl-investigazzjoni tar-rapporti msemmija;

Il-*Parte Civile* tkompli tiddeskrivi l-komportament tal-imputat fil-konfront tagħha, u tagħmel enfasi fuq l-aggressivita', l-herra, l-abbuż u tgħajjir da parti tiegħu. Tgħid ukoll li minħabba dan il-ġlied kontinwu u s-sitwazzjoni mwehra li teżisti d-dar li n-neputija tagħha ta' tliet snin ma tiġix id-dar, u tispjega wkoll li jekk ma tbaxxix rasha meta jitlobha l-flus għad-droga "***jinbidel mil-lejl għan-nhar***"[71]. Issemmi wkoll li dan kollu huwa sforz id-dipendenza akuta tiegħu fuq id-droga, li l-*Parte Civile* tgħid li ilha tistenna li l-imputat jagħmel xi ħaġa sabiex jindirizzaha minn mindu kellu 17-il sena, u meta jgħidilha li kien sejjer jagħmel programm rijabilitattiv, qatt ma jispiċċah;

Għalhekk, tenut kont dawn il-fatturi kollha, *stante* l-frekwenza u t-tip t'aġir tal-imputat fil-konfront tal-*Parte Civile*, li minn kif tispjega l-*Parte Civile* u jammetti l-imputat stess waqt

[70] Ara a fol 64 tal-proċess
[71] Ara a fol 67 tal-proċess

ix-xhieda tiegħu, kellu konsegwenzi emozzjonali, psikoloġiċi u finanzjarji fuqha li jinkwadraw ruħhom fit-tifsira ta' *course of conduct*, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni kienet sodisfaċentement ipprovata.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni – Inġurji u Theddid fil-konfront t'ommu Louisa Zammit</u>**

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, din il-Qorti tosserva li tinkwadra ruħha fid-dettami tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi s-segwenti:

***339.(1) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min-***
***(e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;***

Dwar il-mertu tal-istess imputazzjoni, din il-Qorti tara li *stante* li l-aġir ikkontemplat f'din l-imputazzjoni huwa kompriż fl-ewwel imputazzjoni ta' biża' ta' vjolenza, għalhekk qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni;

**<u>It-Tielet Imputazzjoni – Użu t'Apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid fil-konfront t'ommu Louisa Zammit</u>**

Rigward din l-imputazzjoni din il-Qorti tara li din tinkwadra ruħha fid-dettami tal-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi s-segwenti:

***49. Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –***
***(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew***
***(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew***
***(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih***

Dwar din l-imputazzjoni, apparti x-xhieda tal-*Parte Civile* f'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni tippreżenta żewġ settijiet ta' messaġġi mmarkati bħala Dok CSA1 u Dok CSA2, u ċioe' numru sinifikanti ta' messaġġi u telefonati permezz tal-applikazzjoni *WhatsApp* u telefonati diretti minn żewġ numri tal-*mobile*, u ċioe' 99957704 u 77393953, liema dokumenti kienu kkonfermati bil-ġurament waqt ix-xhieda tal-istess *Parte Civile*. Mill-atti jirriżulta wkoll li hemm żewġ settijiet oħra ta' messaġġi bejn il-partijiet immarkati bħala Dok CSAA1 u Dok CSAA2 li, għalkemm jindikaw ammont ta' messaġġi li ntbagħtu f'Jannar 2024, jidher li dawn kienu esebiti wara x-xhieda tal-*Parte Civile*. Dan ifisser li *stante* li ma kienitx f'pożizzjoni li tikkonferma l-kontenut ta' dawn id-dokumenti bil-ġurament, din il-Qorti ma tistax tqis li dawn id-dokumenti għandhom l-istess valur probatorju bħal dokumenti oħra bħal Dok CSA1 u Dok CSA2, u jistgħu jitqiesu biss bħala prova indizzjarja minkejja li l-*Parte Civile* tixhed li kien hemm kuntatt mill-imputat fil-perjodu msemmi u hemm rapport fuq dan l-akkadut;

Din il-Qorti tara wkoll li mill-provi prodotti, in-numru 99957704 jappartjeni lill-imputat, u dan hekk kif jirriżulta minn dak li jingħad f'Dok MCT1 u x-xhieda tal-imputat stess. Rigward in-numru 77395953, jirriżulta li minkejja li l-imputat jixhed li ma jiftakrux, dak li jingħad f'Dok CJB1 jindika b'mod ċar li dan in-numru jappartjeni lill-imputat ukoll. Għaldaqstant f'dak li jikkonċerna l-messaġġi u t-telefonati *tramite WhatsApp*, din il-Qorti tqis li n-ness bejn l-imputat u l-kontenut ta' Dok CSA1 u Dok CSA2 huwa pprovat sal-grad rikjest;

Fir-rigward tal-kontenut ta' dawn iż-żewġ dokumenti u jekk dawn jinkwadrawx ruħhom fid-dettami tal-Artikolu 49(a), l-Artikolu 49(b) u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif ikkwotati aktar 'il fuq fl-akkuża nnifisha, din il-Qorti tara li bl-użu tal-kelma "jew" ma' kull sub-inċiż, dawn huma alternattivi għal xulxin, u għalhekk m'huwiex neċessarju li dawn jirriżultaw kollha minkejja li l-Prosekuzzjoni tagħmel referenza għal kull wieħed mis-sub-inċiżi msemmija;

Dwar il-mertu ta' din l-imputazzjoni, minn eżami tal-provi msemmija aktar 'il fuq u dak li jingħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni kienet sodisfaċentement ipprovata, iżda limitatament għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex minn qari tal-kontenut ta' Dok CSA1 u Dok

CSA2, il-messaġġi in kwistjoni huma primarjament ta' natura vessatorja – dan huwa fattur li tikkonfermah il-*Parte Civile* stess waqt ix-xhieda tagħha. Dwar dan, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) v. Daschielle Scerri**[72], f'liema sentenza l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Martin Sammut) vs Dr. Alfred Grech**[73], li fiha kien ritenut is-segwenti:

***6. L-aggravju tal-appellant Dr. Alfred Grech jikkonsisti fil-fatt li skont l-appellant il-Qorti tal-Maġistrati interpretat ħażin il-portata tal-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 49 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399) li, skont l appellant u bl-applikazzjoni tar-regola tal-eiusdem generis ma hu xejn ħlief aspett ieħor tar-reati kontemplati fil-paragrafi (a) u (b) tal-istess artikolu u ċioe' aspett ieħor ta' għemil konsistenti f'theddid jew kliem malfamanti mentri l-messaġġi in kwistjoni jikkonsistu biss fi kliem vulgari.***

**...**

***7. Il-fatti tal-każ ma humiex kontestati u jikkonsistu essenzjalment f'dawk ġia rikapitulati aktar 'l fuq f'din is-sentenza. L-appellant isostni li l-kliem użat fil-messaġġi li ntbagħtu minnu lil Julia Farrugia ma jikkonsistux f'theddid iżda jikkonsistu sempliċiment fi kliem vulgari. Għandu jingħad li l-kombinazzjoni taż-żewġ messaggi in kwistjoni verosimilment jammontaw għal theddida ta' għemil żieni fuq il-persuna ta' Julia Farrugia li kien jirrażenta t-theddida ta' attentat vjolenti għall-pudur. Għalhekk, anki jekk l-10 appellant jingħata raġun fuq it-tifsira tal-paragrafu (ċ) tal-artikolu 49 tal-Kap. 339 il-messaġġi in kwistjoni jinkwadraw perfettament fl-istess paragrafu (ċ) kif mfisser minnu stess. Għandu jiżdied, b'danakollu, li l-paragrafu (ċ) msemmi ma jistax jiġi ristrett ghal theddid u ingurji kif jippretendi l-appellant għaliex ir-regola eiusdem generis applikata għall-paragrafu (ċ) għandha l-effett li testendi l-portata tal-paragrafi preċedenti u għalhekk l-għemil previst fil-***

[72] Appell Nru. 61/2023, deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) preseduta mill-Onor. Imħallef Dr. Natasha Galea Sciberras nhar is-27 ta' Novembru 2024, paġna 9-10
[73] Appell Nru. 344/2012, deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) preseduta mis-S.T.O. Prim Imħallef Dr. Silvio Camilleri nhar id-19 ta' Lulju 2013,

***paragrafu (ċ) ma jistax ikun identiku għall-għemil previst fil-paragrafi (a) u (b) għaliex altrimenti l-paragrafu (ċ) jkun superfluwu.***

**…**

***12. L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" … isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li <u>jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq</u>.[74] Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.***

Huwa fid-dawl tal-osservazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq u l-insenjament ikkwotat li din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni kienet sodisfaċentement ipprovata limitatament għad-dettami tal-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

<u>**Ikkunsidrat:**</u>

Tenut kont is-suespost, din il-Qorti tara li minn eżami taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern li l-aġir tal-imputat huwa wieħed problematiku, kemm għalih innifsu u għal ta' madwaru, partikolarment il-*Parte Civile* li tiġi ommu. Dan għaliex mill-provi prodotti jidher ċar li dan isib l-għeruq tiegħu f'dipendenza akuta fuq id-droga li ilha taħkmu għal aktar minn sitt

[74] Enfasi tal-Qorti

snin kif jgħid l-imputat stess, li wassal għall-aġir imsemmi li dam għaddej fuq perjodu ta' żmien u b'mod ripetut. Konsegwentement dan jinkwadra ruħu wkoll fid-dettami tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta dwar reat kontinwat, u għalhekk dawn l-imputazzjonijiet iridu jitqiesu f'dan il-kuntest fost l-aggravji l-oħra li jġorru magħhom dawn l-akkużi ta' vjolenza domestika. Min-naħa l-oħra l-imputat għandu bżonn jieħu l-kura għall-problema akuta ta' droga li għandu apparti problema ta' saħħa mentali li rriżultaw fil-mori tal-proċeduri (inkluż id-dikjarazzjoni tal-imputat stess li jgħid li daħal l-isptar Monte Carmeli diversi drabi) u għalhekk tara li piena ta' priġunerija effettiva ma tkunx waħda idoneja għall-imputat li għandu bżonn ħafna għajnuna.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(b), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 202(h)(iii), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), l-Artikolu 251HA u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(a), l-Artikolu 49(b) u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni *stante* li hija kompriża fl-ewwel imputazzjoni, issib lill-imputat **Royan Spiteri** ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni, b'dan illi rigward it-tielet imputazzjoni, qiegħda ssibu ħati limitatament f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, u qiegħda tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija, iżda billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok għal sentenza sospiża a tenur tal-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta** qiegħda tissospendi t-terminu ta' sentejn priġunerija **għal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza.**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-imputat, issa l-ħati **Royan Spiteri** bi kliem ċar u sempliċi l-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti, u ċioe' li f'każ li jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, il-perjodu operattiv ma jibqax

fis-seħħ, u l-piena ta' priġunerija ta' sentejn imsemmija aktar 'il fuq issir waħda ta' priġunerija effettiva;

*In oltre*, flimkien mal-piena erogata, fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, din il-Qorti qiegħda tikkundanna lill-imputat, issa l-ħati **Royan Spiteri** l-ħlas ta' multa fl-ammont ta' **mitejn u ħamsin Ewro (€250)**;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, **Royan Spiteri** taħt Ordni ta' Trattament **għal perjodu ta' ħames (5) snin mid-data ta' din is-sentenza**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema akuta tiegħu tad-droga u jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **Royan Spiteri** fi kliem ċar u sempliċi r-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni; Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **Royan Spiteri** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

*In oltre* din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati **Royan Spiteri** favur il-*Parte Civile* **Louisa Zammit** **għal żmien tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, b'dan illi din l-Ordni għandha wkoll tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Royan Spiteri** l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna lill-istess **Royan Spiteri** jħallas l-ispejjeż dovuti lill-espert Dr. Alexandra Mamo

rigward l-inkarigu tagħha bħala traskrittriċi tal-Istqarrija Awdjo viżiva tiegħu (Dok CS9), liema traskrizzjoni hija esebita fl-atti bħala Dok AM1, u ċioe' l-ammont ta' **tlieta u tletin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€33.62)**;

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**